**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 27 ta' Jannar, 2016**

**Talba Nru: 719/2015 DMA**

**Sarah Anne Duca**
**(ID 442496M)**

**Vs**

**Clint Xuereb**
**(ID. 188287M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Settembru, 2015 fejn l-attrici talbet is-somma mitluba ta' elf, tlieta u disghin ewro u sitt centezmi (€1,093.06) tirrapprezenta ammont li ghandu jigi mhallas mill-konvenut rapprezentanti nofs mill-ispejjez ta' l-edukazzjoni u tas-sahha tal-minuri Jayden, li jigi bin l-attrici u l-konvenut, u li l-konvenut ghndu jhallas skond digriet pendenti litem datat 13 ta' Marzu 2013 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) [Dok. A] waqt procedure pendent quddiem l-

istess Qorti fl-ismijiet ‘ Sarah Anne Duca vs Clint Xuereb’ (Rikors Guramentat Numru 70/13 RGM) [Dok A.]

Minkejja li l-konvenut gie mitlub diversi drabi sabiex iwettaq il-hlas, huwa baqa’ adempjanti.

Bl-ispejjez, flimkien ma’ l-imghax mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz, kontra l-konvenut bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikatipprezenta risposta fis-27 ta’ Jannar, 2016 fejn eccepixxa:

1. Illi l-ammont mitlub mill-attrici mhuwwiex korrett stante li kienu spejjez li ma kellhomx jigu nkluzi skond id-Digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-13 ta’ Marzu, 2013;

2. Illi anke a bazi tal-istess digriet il-konvenut kellu jigi konsultat dwar spejjez ohra li dwarhom qed jintalab ihallas stante li s-setgha tal-genitur kellha tigi ezercitata miz-zewg geniture flimkien;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kollha attrici.

It-Tribunal semgha z-zewg partijiet fejn il-konvenut spjega illi ma jaqbilx ma l-ammont kollu peress illi semma ammonti li ma jidhlux mal-edukazzjoni bhal-skola fis-sajf u affarijiet relatati maghha.

It-Tribunal iqis illi dan ir-ragunar tal-konvenut ma jrejgiex ghaliex ghalkemm it-tifel jattendi l-iskola fis-sajf li mhiex obbligu din xorta tkun ta’ formazzjoni edukattiva ghat-tifel.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont mitlub ta' elf, tlieta u disghin ewro u sitt centezmi (€1,093.06) bl-imghax mid-data tas-sentenza attrici liema ammont ghandu jithallas f'ammonti mensili ta' tlett mija sebgha u sittin ewor fix-xahar bl-ewwel pagament ghandu jkun fl-ahhar ta' Frar, 2016. Kemm il darba il-konvenut jonqos milli jhallas skadenza wahda allura l-bilanc ikun dovut fl-intier tieghu.

Spejjez a karrigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**